**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 32/17 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fid-9 ta' Frar, 2017 li permezz tieghu ppremetta u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewwget lil CB nhar it-28 ta' Marzu, 1982 (ara Dok. A) u minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom erbat itfal, tnejn minnhom, D u E ahwa B, huma maggorenni, filwaqt li FB li ghandu 16-il sena u

GB li ghandu 14-il sena, ghadhom ilkoll minorenni (ara Dok. B sa Dok. E).

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba swat, abbuz, vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut.

3. Illi l-konvenut huwa bniedem kontrolluz u vjolenti fizikament, finanzjarjament u emozzjonalment fil-konfront tal-esponenti, liema agir sar fil-presenza ta' uliedhom. Illi inoltre, l-intimat kien anke vjolenti fizikament fil-konfront tal-minuri GB li ghandu l-kondizzjoni tad-down syndrome.

4. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

5. Illi l-esponenti intavolat rikors sabiex pendente lite jigu regolati l-kura u kustodja u l-manteniment ghall-minuri G u permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 28 ta' Novembru tas-sena 2016, din il-Qorti laqghet it-talbiet tal-esponenti, filwaqt li ghalqet il-process ta' medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu f'din l-istanza (ara kopja tad-digriet hawn anness u mmarkat bhala dok.F).

6. Illi sussegwentement, il-konvenut talab ghall-estensjoni tat-terminu sabiex tinfetah il-kawza ta' separazzjoni, liema talba giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 30 ta' Jannar, 2017 (ara Dok. G).

7. Il-fatti hawn iddikjarati tafhom hi personalment.

Ighid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-ragunjiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fizika, finanzjarja u psikologika, theddid, ingurji gravi, sevizzi u minacci li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirrisjedi gewwa xelter flimkien mal-minuri GB ghas-sigurta' taghha u tal-istess wild minuri.

2. Tafda l-kura u kustodja eskluzziva taz-zewgt itfal minuri F u G ahwa B f'idejn l-esponenti u sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-attrici u ghaz-zewgt ulied minuri F u G ahwa B, f'idejn l-esponenti u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu bi qliegh jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk il-minuri jiddeciedu li jibqghu jistudjaw fuq bazi full-time, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju u/jew pensjoni li qed jippercepixxi l-konvenut u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti

u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

4. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-istess minuri.

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti.

6. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonjiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u dan okkorrendo b'opera ta' periti nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jirciev i l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrci hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti.

8. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

9. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha "H."

11. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kollha, inkluz tal-ittri ta' medjazzjoni numru 1163/16 BOB, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut li eccepixxa:-

1. Illi l-konvenut jaqbel mal-ewwel talba attrici fis-sens illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, pero' mhux minhabba htijiet attribwibbli lilu, izda minhabba htijiet attribwibbli lill-istess attrici li kienet irrendiet ruhha hatja fil-konfront tieghu ta' ingurji gravi u theddid u talli abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni valida.

2. Illi ghar-rigward it-tieni talba, il-kura u kustodja ta' F ghandha tigi affidata lill-konvenut filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri G ghandha tigi affidata lill-attrici.

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda peress illi apparti li l-attrici hija mara b'sahhitha u tista' tahdem f'impjieg produttiv, hija ddekadiet minn kull dritt ghall-manteniment minghand zewgha. Fl-eventwalita' illi l-konvenut jinghata l-kura u kustodja tal-minuri F, l-ebda manteniment ma jkun dovut lill-attrici mill-konvenut ghall-minuri G.

4. Illi rigward ir-raba' talba l-konvenut lest li jhallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi u medici tal-minuri G gialadarba l-minuri F jaghlaq l-eta' ta' 18-il sena jew jibda jahdem fuq bazi full-time, skond liema wahda tavverra ruhha l-ewwel.

5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda peress illi ma jezistux l-estremi tal-ligi sabiex jigi dikjarat illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tieghu ghall-manteniment minghand martu.

6. Illi l-esponenti jaqbel mas-sitt talba attrici madanakollu ma hemmx il-htiega ghall-hatra ta' nutar pubbliku peress illi l-partijiet ma jipposjedu assi.

7. Illi s-seba' talba ghandha tigi michuda peress illi l-konvenut ma ghandu l-ebda beni parafernali ta' martu fil-pussess tieghu.

8. Illi t-tmien talba ghandha tigi michuda peress illi ma hemmx il-htiega ghall-hatra ta' kuratur.

9. Illi d-disa' talba ghandha tigi michuda peress illi ma jezistux l-estremi tal-ligi ghal tali dekadenza.

10. Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghall-ghaxar u l-hdax-il talba.

Bl-ispejjes kontra l-attrici .

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datata 20 ta' Awissu, 2018.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-partijiet kienu damu xi tlett snin gharajjes u kienu zzewwgu fis-sena 1982. L-attrici tispjega li tul l-gherusija, il-konvenut kien iffissat li kienet ghadha thobb lill-gharus li kellha qabel, certu I. Kien ikollhom xi jghidu minhabba f'hekk u darba minnhom kien anke hebb ghaliha, ghaliex riedha tametti li kienet ghadha thobbu. Fil-fatt, spiccat li anke waqqfet mix-xoghol biex tikkonvincih.

2. Ftit qabel ma zzewwgu, l-attrici kienet harget tqila bit-tifel D u ddecidew li jizzewwgu. Ghall-bidu marru jghixu mal-genituri taghha, izda peress li nqala' xi inkwiet bejn il-familja taghha u tal-konvenut, kienu minflok marru jghixu m'oht il-konvenut u sa dak iz-zmien jidher li l-affarijiet kienu mixjin harir bejniethom. Imbaghad, il-konvenut beda jsir aggressiv u kien hemm anke drabi fejn refa' idejh fuqha. Kienet bdiet thossha qisha go habs, ghaliex hu kien johrog u jaqdi lill-familja tieghu, filwaqt lil attrici ma kienx iridha tmur ghand il-familjari taghha. Dan kien spicca jwassal ghal hafna izjed argumenti bejniethom, tant li darba minnhom kienet marret Dar Merhba Bik u ghamlet jumejn hemm u xahar ghand ommha u kienet

anke hadet passi l-Qorti, pero' peress li ma kienx qed ihalliha tara lit-tifel, kienet iddecidiet li tahfirlu u tmur lura d-dar.

3. L-incidenti ta' swat baqghu ghaddejjin u regghet kienet telqet mid-dar u marret ghand ommha. Peress li l-pulizija kienu jghidulha li jkun ahjar ghall-minuri li jkunu migbura d-dar, kienet terga' tmur lura.

   Meta twieled it-tifel E, il-konvenut kien aktar ikisser u jsabbat milli jsawwatha, izda kien hemm episodji meta sehh dan u kien isakkarha sabiex ma tmurx tirraportah ghand il-pulizija. L-istess kien ghamlilha meta riedet tmur tara lil missierha li kien qed imut. Fil-fatt kien miet u ma kinitx marret tarah. Il-konvenut baqa' bl-istess attitudni meta twieled it-tifel l-iehor F.

4. L-attrici tispjega li fit-23 ta' Dicembru, 2002 kellhom lit-tifel G, li twieled Down Syndrome. Meta G, beda jikber u kellu dawk is-sitt snin, hutu F u E bdew isawwtu lil G, kull darba li kien jidhol innocentement fil-kamra taghhom u jmissilhom l-affarijiet. Il-konvenut ma kienx jaccetta dan l-atteggjament u darba minnhom kien hebb ghal F, li mar jiftah qalbu mal-ghalliema tieghu. Minhabba f'hekk spiccaw intervjenew tal-Appogg. Il-konvenut jinnega li kien hebb ghal F, pero' kkonferma li F kien tkellem mal-iskola u kien baghtu ghalihom biex jinfurmawhom li kien imdejjaq peress li hutu l-kbar miggieldin. EB, bin il-partijiet jichad li qatt ra lil missieru jsawwat lilu, jew lil hutu jew lil ommu.

5. L-attrici tghid li l-konvenut kien jisfurzaha biex ikollhom relazzjonijiet intimi u tant kien izommha li kien anke jhallilha l-marki fuq idejha. Kien hemm xi drabi meta kienet hadet lil G l-iskola u

kienet tirritorna u ssib lill-konvenut gharwien jistenniha fil-komun biex ikollhom x'jaqsmu u peress li kienet tkun sejra l-Monti tal-Birgu kien jipprova jghammiha bil-flus biex tmur mieghu. Gieli kien jidhol gharwien fis-sodda meta kien ikun hemm it-tifel G rieqed bejniethom.

6. Fis-sena 2016, l-iskola li kien jattendi G kienu baghtu ghall-partijiet u kienu nfurmawhom li G, ma kienx qed igib ruhu sew l-iskola u s-surmast kien qal lill-attrici li dina l-attitudni kienet gejja minhabba problemi d-dar, minkejja li qatt ma kienet tkellmet fuqhom. Il-konvenut jikkonferma dan. Kien hemm darba gurnata qabel sports day, fejn G ma riedx johrog mill-banju u l-konvenut spicca jtih bil-lasta tal-ixkupa. L-ghada kienet iltaqghet mas-social workers J u K, u kienet irrakkontatilhom x'kien gara u dawn kienu qalulha li ma kienx postha li tibqa' tghix mal-konvenut minhabba l-abbuz li kienet ghaddejja minnu.

7. Fl-4 ta' Lulju, 2016, l-attrici tispjega li kellha kollox lest biex tidhol Dar Merhba Bik, flimkien ma' binha G u bl-ghajnuna tas-social worker L. Izda gara li kien hemm incident bejn uliedha F, E u D, u spiccaw tressqu l-Qorti fil-fatt. Meta kienu marru l-pulizija fuq il-post, kienet infurmathom li hi kienet diehla l-Appogg, izda l-pulizija oggezzjonaw peress li Simon kien ghadu taht l-eta'. Kienet staqsietu jekk riedx imur maghha, izda peress li ma setax idum barra rrifjuta li jmur u l-attrici spiccat biex marret lura d-dar. Binha F jichad dan.

L-attrici tikkonferma li kien ikun hemm hafna glied bejn it-tfal il-kbar, partikolarment ma' D peress li kienu tawh il-kamra tas-sodda matrimonjali ghax kellhom bzonn kamra akbar minhabba incident li kellu l-konvenut.

8. Fl-20 ta’ Lulju, 2016 l-attrici kienet marret Dar Merhba Bik, flimkien mat-tifel G. Il-konvenut kien ghamel zmien jipprova jikkomunika maghha, izda ma kinitx tirrispondih peress li kienet tibza’ li kien ser jerga’ jikkonvinciha biex tmur lura, meta fil-fatt kienet bdiet il-proceduri ta’ separazzjoni. Illum tghid li binha E ma jkellimhix, F gieli jcemplilha, u llum tghix ma’ D.

9. L-attrici tghid li l-konvenut ma kienx jaghtiha flus, Kien ihallilha xi Lm30 fil-kexxun u meta kienu jispiccaw kien jerga’ jpoggi l-flus. Il-konvenut kien jixtri l-hobz u halib. Il-hwejjeg tat-tfal tghid li kienet tixtrihom bic-childrens allowance. Tghid li ma kinitx taf xi flejjes kellhom fil-bank u kienet sabitlu xi flus li kien ifaddal u kien izomm fil-kexxun, pero’ kien jigdbilha fuq l-ammonti li kien ikollu.

   Mill-flus tac-childrens allowance kienet tixtri l-hwejjeg lit-tfal u anke l-medicini.

10. Il-konvenut jipponta d-dizgwid li kellu ma’ martu minhabba l-argumenti li kienu jinqalghu bejn uliedhom. Ighid li l-attrici dejjem uriet preferenzi lejn D u t-tfal kienu jhossuha. Binhom EB , jikkonferma l-verzjoni ta’ missieru.

    Il-konvenut jinnega li qatt sawwat lill-attrici u li qatt abbuza minnha sesswalment, aktar u aktar meta kien qed ibati mill-marda tal-Parkinsons.

    Meta l-attrici kienet telqet mid-dar F, kien fetah qalbu mieghu, li jekk kien ikollu xi jghid ma’ D, ommu kienet isawtu. Ighid li hu stess kien

gieli raha ukoll isawwat lil G u jichad li kien tort tieghu li G kien qed jaghmel hafna buzzulotti l-iskola. Din il-verzjoni hija kkonfermata ukoll minn E u F B, ulied il-partijiet. FB jghid li hafna mill-glied ommu kienet taqilghu meta missierhom ma kienx ikun id-dar.

Il-konvenut jattribwixxi l-problemi fiz-zwieg taghhom ghaliex l-attrici kienet ghajjura u ma kinitx tafdah. Kienet tkun hafna bil-geddum u kienet thares bl-ikrah u kienet anke ssawwtu verbalment. Kienet anke tirrifjuta li tmur tixtri l-ikel u minflok kien imur hu. Ma jichadx li kien itiha l-flus biex tmur tixtri mill-monti jew jekk tidhol sal-Belt.

Jichad ukoll li ma kienx ighaddilha informazzjoni dwar il-paga tieghu u anzi jikkonferma li kien ihallilha bejn €70 u €100 fil-kexxun tal-gradenza fil-kamra tas-sodda. Ighid li minn dawn il-flus kienet taghti lil D li ma kienx jahdem u kien jippreferi joqghod *relaxed*. Dan huwa kkonfermat minn binhom EB.

Il-flus tac-childrens allowance u l-flus tal-ispecial allowance jghid li kienet tircevihom l-attrici u kienu jidhlu fil-kont taghha tal-Bank of Valletta u kienet tghidlu li bihom kienet tixtri l-hwejjeg ghat-tfal.

Jikkonferma li kienet telqet mid-dar tlett darbiet, darbtejn irritornat lura d-dar, darba le. Illum fid-dar matrimonjali jghixu l-konvenut u uliedu F u E. D ighix ghar-rasu u jghid li tkecca mill-Qorti. Ighid ukoll li E ighinu hafna minhabba li jbati mill-kundizzjoni tal-Parkinsons.

Il-konvenut jikkonferma ukoll li F, kien telaq mill-iskola meta ghalaq 16-il sena. Kien ipprova jahdem izda ma lahhaqx mal-production, izda llum kien sab impjieg.

11. Bernardette Briffa social worker esebit ir-rapport taghha[1] u tghid li dak li rrelatat fuqu huwa bbazat fuq dak li qaltlilha l-attrici li aktar kienet titkellem dwar ir-relazzjoni ma' zewgha.

12. Sarah Micallef, social worker fid-Domestic Violence Unit tal-Agenzija Appogg ipprezentat noti taghha in konnessjoni mal-attrici.[2]

Tghid li kienet tkellmet biss mal-attrici minhabba allegat vjolenza domestika. Tghid li l-attrici kienet mahkuma minn hafna biza' ghall-konvenut, li ma kienx ihalliha tohrog mid-dar hlief biex taghmel il-qadi ta' kuljum. Kien izolaha mill-familja taghha u tghid li kienet anke semmietilha li kien jabbuza minnha sesswalment.

13. Josette Stensen, Head of Home Dar Qalb ta' Gesu' kkonfermat li l-attrici kienet dahlet fix-xelter taghhom, flimkien ma' binha G, fis-7 ta' Jannar, 2017, wara li giet riferuta minhabba vjolenza domestika, minn Dar Merhba Bik. Il-pjan kien sabiex isibu sapport mill-key worker taghhom li kienet MN , fejn kienu jkollhom sezzjoni kull gimgha. Tispjega li l-attrici ghandha problema b'*alternative accommodation* u dan minhabba li jistghu joqoghdu fix-xelter sa sena u nofs biss. Izid tghid li peress li m'ghadhiex separata lanqas ma tista' tapplika ghall-Social Housing. Ir-rimedju l-iehor ikun li l-attrici u binha jsibu post fejn jikru, izda tametti li l-finanzi ma kinux

---

[1] Ara Dok. BB1 a fol.98 tal-process.
[2] Ara Dok.SM1 a fol. 96 tal-process.

jippermettuhla. Ikun il-kaz li jekk jiskadu s-sena u nofs, l-attrici titpogga go xelter iehor, fit-triq ma jispiccawx.

Tispjega ukoll li peress li l-attrici kienet gox-xelter kienet thallas monthly contribution ta' €50 u ghall-ahhar sitt xhur €75. L-ikel thallsu l-attrici.

**14.** Randall Cilia, Head tal-Iskola Guardian Angel, jikkonferma li G kien jattendi l-iskola fejn kien Kap. Irrizultalu li kien hemm xi problemi bejn 2015 u 2016 minhabba kien hemm okkazzjonijiet meta t-tifel kien ikun agitat, kien iqatta' l-hwejjeg, l-uniformi tieghu u ma kienx daqshekk isegwi l-istruzzjonijiet tal-ghalliem u kien hemm drabi fejn kien jissakkar fit-toilet. Jikkonferma li kienu baghtu ghall-genituri u kienu ftehmu li lit-tifel ma jzommuhx "idle."

Illum jikkonferma li l-imgieba tieghu qalbet ghall-ahjar.

15. Martina Farrugia, social worker fl-Agenzija Support li tiffoka fuq il-hidma tat-tfal u adulti li ghandhom dizabilita'. Tghid li kienu rreferewhom lil G u lil F, ulied il-partijiet mic-Child Protection. Bdew jahsbu li F ghandu l-awtizmu, izda ma rrizultax. Li kien hemm kienu *learning difficulties*. Ghalhekk kienet bdiet issegwi lil G, biss u l-ewwel appuntament sar fi Frar, 2015, flimkien ma' Victoria Spagnol (social worker mal-Appogg Cottonera) u l-partijiet.

Tghid li l-genituri kienu spjegawlha d-diffikulatajiet li kienu qed jaffaccjaw bhala familja u l-glied li kien hemm bejn uliedhom E u D. Minhabba f'hekk kienu qed jippruvaw flimkien isibu struttura ghal G

biex jinvolvi ruhu f'attivitajiet barra mid-dar bhal xi sports halli jkun jista' jitghallem *independent living skills*.

Farrugia tispjega li f'Gunju, 2015 wara li tkellmet mal-attrici kienet tkellmet ma' J, li nfurmatha li kienet tiltaqa' mal-attrici, li zvelat li kien hemm allegatament abbuz minn naha tal-konvenut, kemm emozzjonali, sesswali u anke fiziku u li l-attrici kienet telqet mid-dar. Kien ghalhekk li kienet irriferiet il-kaz lil Domestic Violence Unit fejn kienu qed jahdmu mal-attrici sabiex isibulha akkomodazzjoni socjali. F'Ottubru, 2015, l-attrici kienet fethet qalbha wara li kienet ikkomunikat maghha peress li l-minuri G kien qed ikollu problemi l-iskola. Semmietilha li kienet tigi abbuzata mill-konvenut, ighajtu, jiggieldu u kienu anke jwaddbilha l-affarijiet. Qaltilha ukoll li uliedha E u D kienu ghadhom bil-glied, filwaqt li x-xhud spjegatilha li din is-sitwazzjoni d-dar setghet kienet qed tikkaguna l-imgieba ta' G.

F' Marzu, 2016, l-attrici kienet qaltilha li kien qed ikollha problemi d-dar minhabba F, peress li donnu kien sar aktar dominanti d-dar u kien isawwat lil G. L-iskola kienu aktar ikkoncernati li l-imgieba ta' G kienet aggravat. Kienet ippruvat tispjega lill-partijiet x'ghandhom jaghmlu biex jikkontrollaw l-imgieba tat-tfal bejniethom. F'April, 2016, l-Kap tal-iskola kien ikkomunika maghha li l-imgieba ta' Manwel kienet aggravat aktar u kien ghalhekk li tkellmet mal-attrici fejn spjegatilha li waqt il-vakanzi tal-Ghid, F kien tah daqqa ta' ponta ta' zarbun lil G u ghamillu tbengila fuq ghajnejh.

Wara li sussegwentment saret laqgha l-iskola, gie zvelat li l-minuri G kien anke neza' gharwien u mar imiss lilu nnifsu quddiem l-ghalliema, apparti li kien gidem persuna u qaras is-sider tal-ghalliema.

Kienet ghalhekk, flimkien ma' J kkonsultaw mal-Psychological Services, li ssuggerit li jkun ahjar jekk l-attrici jkollha s-sapport mehtieg sabiex titlaq, ghaliex il-fatt li ma kinitx telqet kien qed ihalli l-effett fuq il-minuri G. Peress li minkejja l-azzjonjiet tal-attrici, l-minuri G ma kienx qed jigi protett, kienet tkellmet mal-attrici biex tinfurmaha li jekk ma kinitx se titlaq mid-dar kien se jkollha tinvolvi lil Child Protection Unit. Minn naha taghha J, kienet inkludiet lil tad-Domestic Violence, lis-social worker L biex tinfurmaha bil-pjan li l-attrici titlaq mid-dar sabiex il-minuri seta' jigi protett mis-swat. Kienet ukoll bezghet li jehdulha lit-tifel.

Minn hawn tikkonferma li l-attrici marret Dar Merhba Bik u kienet baqqghet issegwihom u kien hemm zviluppi ghall-ahjar f' G.

In kontro-ezami, ix-xhud tistqarr li ma kinitx ltaqghet ma' F, minkejja l-allegazzjonjiet ta' swat u l-iktar minhabba l-fatt li l-attrici kienet tibza' li ser jerfa' idejh fuqha. Madanakollu, ma kienx fil-kapacita' taghha li tikkontrolla lil Simon.

16. Joseph Paul Ellul, kap tal-iskola sekondarja Verdala, Cospicua, ighid li dwar F kien jafu bhala tifel kwiet u kien hemm okkazzjoni meta kien tkellem mal-iskola u saret referral lill-Appogg fl-10 ta' April, 2013 peress li kien allegat li t-tifel kien qed isoffri xi forma ta' abbuz tal-missier.[3] Jispjega li dwar l-ezitu tar-referral ma kienx jaf personalment peress li kien hemm surmast iehor qablu.

[3] Ara Dok. JPE.

17. Victoria Spagnol, social worker fl-Appogg Cottonera tispjega li l-familja B kienet giet irriferita lilha f'Jannar, 2015 mic-Child Protection, peress li kien hemm hafna argumenti d-dar bejn l-ulied tal-partijiet. Il-glied kien ikun bejn E u D. Kienu qed jaghtuhom is-sapport peress li kien jidher li l-genituri fir-rigward *parenting* ma kinux qed jaqblu. Peress li kien hemm G li kellu dizabilita' kienet involuta ukoll K, social worker ohra bhala sapport.

Wara li l-partijiet taw il-kunsens taghhom biex jibda s-servizz, bdiet tikkomunika mal-attrici li kienet gharrfitha li ma kienx hemm biss problemi ta' argumenti bejn it-tfal, izda kien hemm problemi ta' vjolenza domestika minn naha tal-konvenut. Kienet qaltilha li l-abbuz beda minn qabel iz-zwieg u li l-konvenut kien kissirilha d-dota kollha, haga li ammetta hu, izda baqghet ghaddejja biz-zwieg peress li kienet tqila b' D.

Qaltilha li l-iswat kompla tul iz-zwieg u kien anke jsakkarha gewwa d-dar. Meta D kien ghalaq 9 snin, l-abbuz fiziku kien waqaf u kien hemm abbuz emozzjonali, finanzjarju u anke sesswali. Kienet inkwietat bhala social worker fuq il-fatt, li r-relazzjonijiet intimi ma kinux atti ta' mhabba, imma aktar stupru u anke t-tqala kienu jirriflettu dan. Kien hemm abbuz finanzjarju peress li qatt ma kienet taf x' finanzi kellhom.

Ix-xhud tispjega ukoll li kien hemm abbuz psikologiku peress li l-attrici kienet tibza' minnu u kien ighidilha li hadd ma kien se jemminha.

Kien hemm problemi ta' abbuz minn E ukoll fuq ommu ukoll u ghalhekk kienet tibqa' lura meta kienu jinqalghu xi incidenti bejn l-ahwa.

F' Gunju, 2016 F, kien beda jerfa' idejh fuq G u kien hemm incident fejn anke l-konvenut kien tah daqqa lil G b'lasta ta' xkupa. Minhabba f'hekk kellhom jergghu jidhlu tad-Domestic Violence Unit u bdiet il-hidma biex l-attrici titlaq mid-dar, flimkien ma' G, ghax jekk le, kienu jispiccaw jiehdu lit-tfal mid-dar. Tikkonferma li fl-20 ta' Gunju, 2016, l-attrici telqet mid-dar u marret Dar Merhba Bik. Tghid ukoll li kien avvicinaha D meta tkecca mill-Qorti u ghenitu u llum kien jinsab f'Dar Leopoldo, ghax huwa *homeless* u bla xoghol u tghid li qed issegwih. Meta tkellmet ma' Daniel kien qallha li kien baqa' d-dar minhabba ommu u hass li kien qisu vittma ta' huh E.

In kontro-ezami, ix-xhud tghid li l-konvenut qatt ma kellmitu, hlief darba u kien fil-presenza tal-attrici u r-raguni kienet li meta jkun hemm kaz ta' vjolenza domestika, isir xoghol ta' empowerment mal-mara biex tohrog mid-dar.

**KURA U KUSTODJA**

L-attrici tghid li t-tifel F kien kwazi maggorenni u l-kura u kustodja setghet tibqa' kongunta. Dwar il-minuri G tinsisti li jkollha l-kura u kustodja tieghu u dan peress li dejjem rabbietu hi. Tghid li l-konvenut lanqas kien fehem il-problema li kien ghaddej minnha l-minuri l-iskola. Ghalhekk tixtieq li jkollha kura u kustodja eskluzziva tal-minuri G, flimkien ma' decizjonijiet relatati mas-sahha u edukazzjoni

tieghu. Il-konvenut da parti tieghu donnu qed jaccetta din it-talba stante li hu ghandu l-Parkinsons u ma jkunx jista' jlahhaq bit-tifel li huwa Down Syndrome u jghid li ilu ma jarah minn meta l-attrici telqet mid-dar fl-2016 u dispost jarah anke taht supervizjoni.

L-access ghall-minuri, l-attrici tghid li qed jigi ezercitat kull nhar ta' Sibt mill-10.30 am sa 12.00 am u gieli mill-11.00 am sas-1.30 pm. L-attrici tispjega li binha F ma kienx interessat u lanqas kien ikellimha. Trid li l-access ghall-minuri ghandu jsir l-Appogg taht supervizjoni u fir-rigward tal-minuri F, kienet ddecidiet li ghandhom jattendu ghas-sezzjonijiet tal-family therapy. Illum F huwa maggorenni.

**<u>MANTENIMENT</u>**

L-attrici tiddikjara li hi ma tahdmix u tircievi r-relief fl-ammont ta' €445 u €260 ghat-tifel Manwel minhabba li huwa Down Syndrome. Tircievi ukoll €288 kull tlett xhur bhala children's allowance ghall-minuri G.

Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, xehed li l-ghajnuna socjali li kienet tircievi l-attrici kienet giet ridotta ghal €112.53 fil-gimgha u wara li giet ridotta, llum tircievi €69.14 fil-gimgha wara li r-rata giet emendata fil-25 ta' Awissu, 2018. Tircievi ukoll fil-gimgha l-bonus addizzjonali ta' €3.12 u l-bonus ta' kull sitt xhur li huwa validu ta' €135.10. [4] Zied ukoll li l-attrici tircievi ukoll Disability Childrens Allowance fl-ammont ta' €20 fil-gimgha sakemm il-minuri jaghlaq 16-il sena. Imbaghad wara tista' tapplika

[4] Ara Dok.DI 1

ghall-disability pension u r-rata presentement hija ta' €104 fil-gimgha u jekk jahdem full-time xorta jircievi din il-pensjoni.[5]

Imbaghad, l-istess xhud esebixxa lista tal-beneficcji li tircievi l-attrici.[6]

Dwar it-tifel F, dan waqaf l-istudji appena ghalaq 16-il sena u sa fejn kienet taf kien beda jahdem fuq bazi full-time. Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li f ghandu 17-il sena u ma jircievi ebda beneficcju u dan peress li kien ghadu jghix mal-membri tal-familja. Madanakollu,FB kkonferma li fil-mori tal-kawza ghalaq 18-il sena u kien qed jahdem ma' Pharma Plastics.

Dwar il-konvenut tghid li jghaddilha €150 kull erba' gimghat ghall-minuri G li jghix maghha.

Ghaliha l-attrici tghid li qed tippretendi manteniment peress li qatt ma hadmet tul iz-zwieg biex tiehu hsieb il-familja u ghas-sigurta' taghha kellha tmur tghix gewwa xelter ma' binha. Il-konvenut fil-fatt jikkonferma li l-attrici qatt ma hadmet u jghid li kienu ftehmu li sakemm it-tfal jikbru ma tahdimx, imbaghad rega' kellhom lil F, u lil Gu minhabba l-kundizzjoni tieghu hadet hsiebu.

Il-konvenut jikkonferma li jghaddi s-somma ta' €150 kull erba' gimghat lil martu, izda peress li qed jircievi l-pensjoni u jmantni lil G

[5] Ara Doks. IC 3 u IC 4 a fol. 70 u 71 tal-process.
[6] Ara Dok. CC

kif ukoll l-uliedu l-ohra ma tantx qieghed f'qaghda li jhallas dan il-manteniment, aktar u aktar meta qed tghix Dar Merhba Bik.

Ivan Cilia kkonferma li l-konvenut kien jircievi pensjoni ta' €106.21 fil-gimgha, izda €75 minnhom imorru lejn l-attrici u jibqa' €31.22.[7]

Angelo Said in rapprezentanza ta' Dipartiment tat-Tezor (sezzjoni pensjoni tas-servizz) ikkonferma li l-konvenut jircievi service pension.[8]

EB, bin il-partijiet li ghandu 34 sena u jahdem bhala security guard jikkonferma li ghadu jghix mal-konvenut u meta jista' jghinu finanzjarjament peress li missieru jhallas manteniment ghall-attrici u ghal huh G. Ighid li gieli anke jixtri xi affarijiet ghal huh F, peress li kien ghadu ma jahdimx, fatt ikkonfermat minn F stess.

**DAR MATRIMONJALI**

1. Dwar id-dar matrimonjali, l-attrici tispjega li kienu jikru post tal-Housing u kienu jhallsu cirka €100 kull tlett xhur, pero' ma kinitx taf jekk il-konvenut kienx hallas regolarment u jekk kienx hemm kontijiet pendenti. Il-konvenut jikkonferma li hu jhallas kera ta' €107 kull tlett xhur u €50 fis-sena peress li l-Awtorita' tad-Djar kienu rrangawlhom xi soqfa.

---

[7] Ara Dok. IC 1 u IC 2 a fol.68-69 tal-process.
[8] Ara \Dok. AS 1

Tghid ukoll li peress li qed tghix go xelter thallas €50 fix-xahar bhala kera u cirka €30 bhala dawl u ilma, apparti li thallas l-ikel, hwejjeg ghaliha u ghat-tifel minuri. Peress li ma tantx kien fadlilha zmien gewwa x-xelter kienet taf li l-ispejjes taghha se jizdiedu.

L-attrici tametti li mhux disposta tmur tghjx fid-dar matrimonjali peress li jghixu hemm il-konvenut u zewg uliedhom E u F. Pero' kienet qed tippretendi li jhallsilha l-kera tal-post li se jkollha tikri.

Tghid li ma kienet qed tippretendi xejn mill-ghamara u l-oggetti fid-dar matrimonjali.

2. Mario Magro in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar ikkonferma li l-partijiet kienu krew il-fond Blokk 7, No. 13 Flat 2, New Str, Cospicua u kien sar ftehim fis-sena 1993 u kien jidher il-konvenut.[9] Ipprezenta l-ahhar ircevuta li hija datata 10 ta' April, 2015.[10]

   Ikkonferma ukoll li fis-16 ta' Mejju, 2016 l-attrici kienet ipprezentat applikazzjoni f'isimiha u f'isem D u G B. Ighid li l-kaz qed jigi segwit mis-social worker Maria Mifsud. Ighid peress li l-applikazzjoni taghha hija limitata ghal certu lokalitajiet jaghmilha aktar difficli illi tinghata akkomodazzjoni.[11]

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

**<u>FLEJJES U LOANS</u>**

---

[9] Ara Dok. MM1 a fol .73 tal-process.
[10] Ara Dok. MM3 a fol. 76 tal-process.
[11] Ara Dok.MM4 a fol. 77 tal-process.

Bhala flus l-attrici tghid li l-konvenut kien jiehu hsieb kollox u kien jahbilha, tant li lanqas kienet taf x'paga kien jaqla' mix-xoghol tieghu ta' suldat. Lanqas ma kellha ideja tal-pensjoni li kien jaqla'.

Dwar vetturi tghid li llum hadd minnhom m'ghandu vettura.

**ASSI PARAFERNALI**

L-attrici tghid li kienet gabet xi Lm700 dota li uzathom biex xtrat l-affarijiet tad-dar u dan kien spicca kissirhom il-konvenut.

Il-konvenut jichad li kellhom xi proprjeta' parafernali u li kellha taghha l-attrici haditu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

1. **Dwar Sevizzi u Ingurji gravi**

   Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb.""***[12]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament***

[12] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003

***addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[13]

Mir-rizultanzi processwali, jirrizulta li sa minn qabel iz-zwieg, kien hemm problemi ta' swat bejn il-partijiet u l-attrici ma kinitx hassret peress li kienet qed tistenna tarbija. Mill-provi prodotti minnha turi li l-hajja matrimonjali sakemm it-tifel D ghalaq 9 snin, kienet baqghet l-istess, taqla' l-iswat, li mbaghad meta waqaf spicca li l-konvenut kien jabbuza minnha emozzjonalment, kif ukoll finanzjarjament.

Kemm il-konvenut, kif ukoll uliedhom F u E jichdu li kien hemm problemi ta' vjolenza domestika f'din il-familja. Kif inghad aktar 'l fuq, il-persuna li kontriha qed jigi allegat l-abbuz ghandha tikkonvinci lil dina l-Qorti li ma kienitx tezisti responsabbilita' da parti taghha. Kulma ghamel il-konvenut hu li nnega l-allegazzjonijiet tal-attrici u gab lit-tfal tieghu, li ma jitkellmux mal-attrici ommhom biex jikkoroboraw il-verzjoni tieghu.

Jekk dina l-Qorti kellha tanalizza l-hajja familjari tal-kontendenti, kienet hajja kkaratterizzata minn hafna aggressjoni u vjolenza anke bejn it-tfal stess. Harsa lejn il-provi migbura, dina l-Qorti qatt ma tista' temmen li kien hemm  sens ta' ghaqda f'din il-familja. L-ahwa F U E konvinti li ommhom tippreferi lil D, l-ahwa l-kbar kienu anke jerfghu idejhom fuq huhom G li kellu l-limitazzjonijiet tieghu ta' Down Syndrome.

---

[13] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

F stess, minkejja fix-xhieda tieghu jinnega dan, kien tant mdejjaq bis-sitwazzjoni familjari li mar fetah qalbu mal-professjonisti l-iskola, tant li kellhom jigu nvoluti l-Appogg. L-incident kien minhabba li missieru l-konvenut kien hebb ghalih wara li hu u E kienu qed  isawwtu lil G.

 Ulied li jsawwtu, anke lil ommhom, huwa ulied li trabbew fil-vjolenza domestika u ma jafux mod iehor. Fil-fatt, kien meta fetah qalbu F, li ntervjenew mill-Child Protection Unit kif ukoll l-Appogg u bdew jippruvaw ighinu lill-partijiet biex ikunu jistghu jikkontrollaw aktar is-sitwazzjoni fid-dar taghhom, specjalment bejn uliedhom, peress li kienu maqsumin bejniethom u l-genituri stess ma kinux qed jigbdu habel wiehed.

Minn hawn l-attrici fethet qalbha mas-social workers involuti u hareg fil-berah l-abbuz li kienet qed isoffri minnu. Huwa fatt, lanqas ikkontestat mill-konvenut li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali tlett darbiet. Darbtejn marret lura u l-ahhar darba baqqghet Dar Merhba Bik. L-attrici stess li dejjem irritornat lura peress li kienet tibza’ u kellha lit-tfal u kienet dejjem tittama li l-affarijiet kienu ser jittrangaw. Lanqas irrappurtat lill-pulizija ghax il-konvenut kien gieghla tahseb li hadd ma kien se jemminha. L-ahhar darba li telqet kien fuq parir ta’ l-Appogg bl-ghajnuna tas-social workers involuti Victoria Spagnol u Sarah Micallef peress li l-konvenut kien tah daqqiet bil-lasta ta’ xkupa lil G u kien hemm ir-riskju li jehduh fuq ordinijiet tac-Child Protection Unit.

 Ghalhekk l-attrici jidher li kienet konsistenti tul il-proceduri u l-verzjoni dwar il-vjolenza domestika  hija verosimili, peress li huma fatti kollha kkorroborati mix-xhieda prodotta minnha partikolarment is-social workers tal-Appogg u x-xelter.

Mir-rizultanzi processwali l-attrici jidher li kienet ukoll assoggettata ghall-abbuz psikologiku u verbali. Jirrizulta li l-konvenut ma kienx iridha tmur ghand tal-familja taghha u anke jekk kien ikun ix-xoghol, xorta ma kinitx tmur ghax kienet tibza' li jekk isir jaf, iktar kien jaghmlilha.

Meta kienu jiggieldu u kien jahbat ghaliha kien anke jsakkarha d-dar biex ma tmurx tirraportah jew tmur titlob l-ghajnuna, madanakollu dejjem kien igieghla tahseb li hadd ma kien se jemminha.

L-istess attrici, kif ikkonfermat minn diversi xhieda prodotti minnha, thoss li kienet abbuzata sesswalment mill-konvenut. Kien hemm drabi fejn kienet tirritorna d-dar wara li tkun waslet lit-tifel Manwel l-iskola u kienet isibu jistennija gharwien huta fil-partijiet komuni tal-appartament taghhom. Jekk kienet tirrifjutah kien jispicca jqatta' l-hwejjeg minn fuqha. Fi kliemha stess tghid:-

***"Huwa kien jisforza ruhu, kien hemm drabi fejn iqattali l-hwejjeg minn fuqi u jien kien ikolli noqghod ghax kien irossni fuq is-sodda. Kien anke jhalli l-marki tas-swaba fuqi tant kien izommni."***

Is-social worker Victoria Spagnol tkompli ssahhah it-tezi tal-attrici meta tghid li l-attrici kienet temozzjona ruhha hafna meta kienet tiftah qalbaha fuq dawn l-incidenti ta' abbuz sesswali u tistqarr hekk:-

***"Issa, barra din, kien hemm ukoll l-abbuz sesswali u kienet tkellimni hafna fuqu A, u li qisu kien jinkwietani, ghaliex hi kienet tispjega li wara D qisu l-ebda tifel ma gie minn att ta' mhabba, qisu kienu, fil-verita' kienu stupri ghax hi tibza' minnu."***

L-attrici tattribwixxi abbuz finanzjarju da parti tal-konvenut, li minn naha tieghu jinnega li qatt ma tah soddisfazzjon dwar il-finanzi taghhom. Kulma kien ihalli kien bejn €70-€100 fil-kexxun ghal kull ma kellha bzonn. Ix-xiri tal-ikel kien irid jaghmlilha hu stess. Kienet tiddependi ukoll mic-childrens allowance.

Ghaldaqstant, gie ampjament ippruvat li l-attrici kienet vittma ta' swat, eccessi, mohqrija, theddid u nguri gravi u offizi gravi u fuq kollox kienet vittma ta' vjolenza domestika, emozzjonali u anke finanzjarju.

**KURA U KUSTODJA**

Fil-mori tal-kawza, bin il-partijiet F, kien sar maggorenni ukoll. Ghalhekk, l-aspett tal-kura u kustodja tal-minuri trid idur mal-minuri G,, li kif diga' gie ssottolineat, kien Down Syndrome u ghalhekk jispetta hafna attenzjoni u pacenzja.

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-minuri G jigi fdat fil-kura u kustodja tal-attrici u dan peress li jbati mill-Parkinsons u ghalhekk ma kienx fi stat li jiehu hsiebu. Il-kontendenti anzi qablu ukoll illi l-access ghall-konvenut ghandu jsir taht supervizjoni gewwa l-bini tal-Appogg fl-istess hinijiet u granet li qed jigu segwiti llum u cioe' kull nhar ta' Sibt minn 12.00 pm sas-2.00 pm u dan skond id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 11 ta' Mejju, 2017.

Kwalsiasi decizjoni rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ghandha tittiehed mill-attrici u ghandha tibqa' tippercepixxi l-childrens allowance u kwalsiasi beneficcju iehor.

**MANTENIMENT**

Wara diversi rikorsi pprezentati mill-konvenut, b'digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datata 28 ta' Novembru, 2016, din il-Qorti ordnat lil-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €150 kull erba' gimghat b'effett mit-23 ta' Settembru, 2016 bhala manteniment ghall-attrici u s-somma ta' €150 kull erba' gimghat b'effett mit-23 ta' Settembru, 2016 bhala manteniment ghall-minuri G, li jinkludi l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u li jinqata' mill-pensjoni/beneficcju socjali ppercepiti mill-konvenut u mhallsa direttament lill-attrici.

Il-konvenut rega' pprova jaqta' ghal kollox il-manteniment ghall-attrici permezz ta' rikors, izda b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2017 dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talbiet tal-konvenut.

Mill-provi prodotti rrizulta li l-attrici tircievi primarjament, €150 ghaliha u €150 kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri G. Tircievi ukoll €104.35 kull gimgha, li minnhom jitnaqqsu s-somma ta' € 37.50 fil-gimgha minhabba l-hlas ta' manteniment. Flimkien ma' dawn il-flus tircievi ukoll €8.15 kull gimgha li minnhom jitnaqqsu s-somma ta' €5.89 kull gimgha minhabba l-hlas ta' manteniment, kif ukoll €22.23 kull gimgha bhala children's allowance u €20 kull gimgha bhala disabled childrens allowance. Illum il-tifel minuri G, ghalaq 16-il sena u ghalhekk qed jircievi l-pensjoni tad-disabilita' li tammonta ghal €104 fil-gimgha. Ghalhekk b'kollox jirrizulta li l-attrici tircievi €983.40 kull erba' gimghat. Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut li l-attrici ghamlet kalkolazzjonijiet erronji fuq l-introjtu taghha.

Illum l-attrici qed tghix ma' binha D, flimkien ma' G , filwaqt li l-konvenut ighix ma' uliedhom F U E, li llum t-tnejn ghandhom impjieg u jammettu li jghinu lill-konvenut finanzjarjament peress li jghixu mieghu.

L-introjtu tal-konvenut jikkonsisti fl-ammont ta' €106.21 fil-gimgha u li minnhom tinqata' s-somma ta' €31.22 bhala manteniment. B'hekk jircievi €299.96 kull erba' gimghat. Jircievi ukoll pensjoni tas-servizz peress li kien jahdem bhala suldat li jammonta ghal €10,273.33 grossi li kull gimgha jammontaw ghal €197.2 fil-gimgha.

Kif qal ben tajjeb il-Perit Legali, l-Artiklu 3B tal-Kap.6 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi obbligu ta' manteniment fuq il-genituri tat-tfal li jkunu affetti minn dizabilita':-

***"(1) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb , imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

***(2)L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skond is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skond il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragonevolement possibbli li lill-ulied: …..(b) li jkollhom dizabilita, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali."***

Huwa car, li b'din id-disposizzjoni tal-ligi, il-legislatur ried li l-obbligu tal-manteniment, f'kaz ta' ulied affetti minn dizabilita' ma huwiex cirkoskritt bl-eta', bl-uniku fattur determinant jkun it-test impost mil-ligi ta-possibilita' tal-wild li jmantni lilu nnifsu.

Inoltre, l-Artikolu 2 tal-Kap.413 tal-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b'Dizabilita' jiddefinixxi **"dizabilita'**" bhala nuqqas fiziku, mentali, intelletwali jew sensorju ghal zmien twil li flimkien ma' ostakli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tippartecipa b'mod shih u effettiv fis-socjeta' b'mod ugwali daqs l-ohrajn.

Ghalhekk il-gurisprudenza nostrana hadet triq ohra ghar-rigward obbligi ta' manteniment meta t-tfal ikun "dizabbli," izda jkunu saru maggorenni. In sostenn ta' dan dina l-Qorti se taghmel referenza ghall-gurisprudenza nostrana. Fis-sentenza **Maria Rosaria Micallef vs Alfred Micallef**[14] gie enuncjat hekk:-

***"Dan l-obbligu tal-genituri normalment jispiccaw meta l-ulied jsiru maggorenni, ghax fil-maggoranza kbira tal-kaz l-ulied issa jkunu jistghu jahsbu huma stess ghall-bzonnijiet taghhom u jfendu ghal rashom. Madankollu, ghandu jigi enfasizzat li l-ligi ma tipprovdix li l-obbligi msemmija impost fuq il-genituri a favur l-ulied jispiccaw awtomatikament bis-semplici fatt li l-ulied ikun saru tal-eta'. Invece, dan l-obbligu jibqa' fis-sehh ghal dak iz-zmien kollu li l-ulied ikunu fil-bzonn minghajr ebda htila taghhom u indipendentement mir-rieda taghhom nonostante li jkunu saru maggorenni (ara f'dan is-sens, fost sentenzi ohra, dawk pronunzjati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1960 u t-28 ta' Ottubru, 1960 fl-ismijiet rispettivi Carmela Bugeja vs Felecita Bugeja et u Professur Tabib Joseph Galea noe vs William Spalding). Dawn is-sentenzi kienu jikkoncernaaw l-obbligu tal-genituri li jfornu alimenti lill-uliedhom maggorenni fic-cirkostanzi spjegati fuqhom. Irid jinghad li fil-kuncett tal-***

[14] Appell Civili Citaz.Nru. 1340/2002 deciza 18 ta' Gunju, 2007.

***manteniment ma jidhlux biss l-ikel u l-ilbies u l-ispejjez ghall-kura medika u medicinali izda ukoll il-provista tal-abitazzjoni. Dan hu specifikatament indikat fl-Artikolu 19 li jghid hekk fl-ewwel subartikolu tieghu:***

***"Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni."***

Dina l-Qorti se tezamina aktar sentenzi f'dan il-kuntest, peress li thoss li l-Perit Legali, ma ezaminax il-mertu ta' dina t-talba mill-aspett misthoqq u rrefera biss ghall-obbligu ta' manteniment li jista' jibqa' jissussisti anke wara li t-tfal isiru maggorenni, izda dan ghandu jintrabat mal-grad ta' dizabilita' ta' bin il-kontendenti u hekk kellu jimxi l-Perit Legali.

Ghalhekk in sintesi dak li gie enuncjat fis-sentenza **Professur Tabib Joseph Galea vs William Spalding**[15] ghandu jinghata l-importanza mehtiega:-

***"Illi l-obbligu alimentari ma jispiccawx bil-fatt li l-persuna li jkollha dritt ghall-alimenti tkun saret maggorenni; ghaliex dan l-obbligu hu bazat fuq il-bzonn, li jista' jirrikorri fi kwalunkwe zmien tal-hajja tal-bniedem. Veru illi b'gheluq tmintax-il sena tikber izjed il-kapacita' ghax-xoghol fl-alimenti, izda dan ma jgibx necessarjament u dejjem li hu jkun hekk kapaci u li huwa jsib dan ix-xoghol. "Bisogno pensare." Josserva l-Avukat Caberlotto, "che non bastano la capacita' di lavorare e la buona volonta' di farlo; bisogna trovar da lavorare, e cio' non avviene cosi presto……sarebbe ingiusto, irragionevole ed inumano il negare gli alimenti a colui che cerca lavoro ma non ne trova. Sara' temporaneo l'assegno, ma dev'essere accordato" (Digesto Italiano, voce alimenti§ 119)."***

[15] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-28 ta' Ottubru, 1960

**L-Avukat Caberlotto, fuq il-monografija tieghu fuq l-"Alimenti," josserva:-** ***"Abbiamo fin qui alluso di preferenza ai figli minori; ma cio' non vuol dire punto che sia regola di diritto che col cessare dell'eta' minore cessi pure nei genitori l'obbligo alimentare. No. Puo' dirsi bensi' in via generale ed ordinaria che quest'obbligo sussiste fino a che i figli sono in eta' da poter provvedere da se' medesimi al proprio mantenimento; ma conviene altresi' aggiungere che, anche posteriormente a questa eta', se i figli si trovino tuttavia in istato di bisogno per cause indipendenti dalla loro volonta', l'obbligo dei genitori continua."*** [16]

F'dan is-sens hija ukoll il-gurisprudenza nostrana; din il-Qorti, fil-kawza "**Schembri utrinque**," deciza fl-10 ta' Novembru 1877, hekk marret tikkummenta:-

***"Il senso di questa disposizione di legge*** **(Artiklu 3B tal-Kodici Civili)** ***(sottolinear tal-Qorti) non puo' mai essere quello che alle persone invalide per l'eta', malattia fisica o mentale, o che per qualunque altra cause fossero inabili al lavoro, siano dovuti gli alimenti, e che a tutt'altre persone quali fossero atte a qualche lavoro o capaci all'esercizio di qualche professione, arte u mestiere, si debbano gli alimenti negare non ostante che per circostanze indipendenti dalla loro volonta', dalla loro industria e dalla loro attivita', non trovino occasione di trarre profitto dal loro lavoro industriale."*** [17]

Il-Qorti tapprezza li s-sitwazzjoni tal-partijiet hija wahda problematika peress li l-attrici da parti taghha ggorr il-piz tal-ispejjes medici u tat-

[16] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.
[17] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.

terapija li jrid isegwi l-minuri G, apparti l-fatt li se jkollha tikri post, peress li llum iddejjqet tghix ma' binha u tippreferi tghix ghar-rasha. Il-konvenut ibati mill-problema tal-Parkinsons u ghalhekk ghandu l-problemi finanzjarji tieghu ukoll, Madanakollu, dwar il-minuri Gl-ammont ta' manteniment fis-somma ta' €150 fix-xahar ghalih ilha tithallas sa mis-sena 2016 u jidher li ma hemmx kontestazzjoni da parti tal-attrici u lanqas ma ngabu provi kuntrarji sabiex awment fl-ammont jigi gustifikat. Dan l-ammont ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifel minuri jkun jista' jiehu hsieb lilu nnifsu.

Il-problema hija rigward il-manteniment ghall-attrici. L-attrici qatt ma hadmet tul iz-zwieg u dan kien bi qbil bejn il-partijiet u dan huwa kkonfermat minnhom it-tnejn, sabiex tiehu hsieb it-tfal. Imbaghad twieled il-minuri G bil-problemi ta' down syndrome u dan kien jirrikjedi hafna hin u dedikazzjoni. Ghalhekk, l-attrici ma tantx nghatat opportunita' li tidhol fid-dinja tax-xoghol u lanqas ma jista' jippretendi l-konvenut li llum se ssib impjieg malajr, anke minhabba l-limitazzjonijiet taghha relatati mal-problemi tal-minuri G. Ghaldaqstant, ma jezistu l-ebda estremi li jistghu jiggustifikaw it-twaqqif tal-manteniment ghall-attrici fl-ammont ta' €150.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

**KONTIJIET BANKARJI**

1. L-attrici kkonfermat li ghandha xi kontijiet bankarji sabiex thallas l-ispejjes ta' kuljum u tiddikjara li ma kellhomx flus u ghalhekk kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet tieghu.

**FLEJJES OHRA**

2. L-attrici qed tippretendi li tinghata s-somma ta' Lm1500 lura minghand il-konvenut peress li kienet ircevithom fit-tieg, kienet taghthomlu u qatt ma tajhomlha lura.

Ma ngabux provi soddisfacenti u konvincenti sabiex l-attrici tikkonferma li kien hemm dan l-ammont u ghaldaqstant ma tistax tigi kkunsidratha.

**ASSI PARAFERNALI**

L-attrici tinsisti li kienet xtrat oggetti ghad-dar matrimonjali qabel iz-zwieg li kienu jammontaw ghal Lm700, izda l-konvenut ammetta li kien kissirhom u ghaldaqstant huwa fatt inkontestat li dan l-ammont ghandu jigi rkuprat mill-attrici.

**DAR MATRIMONJALI**

Il-fond matrimonjali huwa mikri minghand l-Awtorita' tad-Djar u presentment u fil-mori tal-proceduri, baqghu jghixu go fiha l-konvenut, F u E , ghax D kien tkecca u llum ighix gewwa Dar Ferdinand.

L-attrici kkunsidrat li tenut kont tal-fatt li l-konvenut ghandu problema bil-kundizzjoni tieghu tal-Parkinsons u tenut ukoll tal-fatt li uliedha E u Fighixu hemmhekk u ma riditx aktar inkwiet, ma toggezzjonax li d-dar matrimonjali u cioe' l-kirja tal-istess tigi assenjata lill-konvenut.

L-attrici pero' tippretendi li kemm il-darba ma tinghatax post mill-Awtorita' tad-Djar, il-konvenut ghandu jhallsilha kera ta' fond iehor

**DECIDE**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza, eccessi, sevizzi, theddid, minacci u ngurji gravi.

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens li l-kura u kustodja tal-minuri GB tigi fdata f'idejn l-attrici u tiehu kwalsiasi decizjonijiet relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici fis-sens li l-konvenut ghandu jghaddi s-somma ta' €150 kull erba' gimghat lill-attrici, kif ukoll €150, inkluz l-ispejjes edukattivi u tas-sahha kull erba' gimghat ghall-minuri G, u dan tenut kont tad-disabilita' tal-minuri sakemm jibqa' jghix m' ommu u jkun qed jaqla' l-introjtu tieghu.

   Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jinqata' direttament mill-pensjoni tal-konvenut, b'dan li d-dipartiment ikkoncernat ghandu jigu notifikat b'din id-decizjoni.

4. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li l-mertu gie deciz fit-talba numru 3.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tilqa’ s-sitt talba u tikkonferma li ghandha ssir il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq indikat, okkorrendo bin-nomina tan-Nutar Ian Spiteri, u l-kuratur deputat tat-turn ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut.

7. Tichad is-seba’ talba u dan stante li ma giex ippruvat f’xiex kienet tikkonsisti l-proprjeta’ parafernali.

8. Tilqa’ t-tmien talba jekk ikun il-kaz.
9. Tilqa’ d-disa’ talba.
10. Tilqa’ l-ghaxar talba attrici.
11. Tilqa’ l-hdax-il talba attrici.

L-ispejjez u l-imghaxijiet kollha mitluba, inkluz dawk tal-ittra ta’ medjazzjoni numru 1163/16 BOB ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

Onor. Anthony G Vella
**Imhallef**

Cettina Gauci
**Deputat Registratur**